# il-Gżejjer

L-erbatax-il sena

7/85


# BUDGET 1986: BUDGET TA' FIDUĊJA

## NEFQA TOTALI TA' Lm240 MILJUN



Il-President tar-Repubblika is-Sinjorina Agatha Barbara tiffirma l-Estmi.

*"Il-Gvern Soċjalista ser ikompli bil-pjan tiegħu li jrażżan il-prezzijiet ħalli jżomm il-livell ta' l-għixien tal-ħaddiema mingħajr il-ħtieġa ta' żidiet fil-pagi. B'hekk inkunu nistgħu nkomplu ngħelbu l-inflazzjoni u ngħinu lill-industrija biex tkun tista' tibqa' kompetittiva u biex tkompli tħaddem u anke żżid in-numru ta' impjegati.*

*Għal dan il-għan il-Gvern Soċjalista qed iressaq quddiem ir-rappreżentanti tal-poplu budget fejn qed jipproponi li joħroġ mill-Fond Konsolidat id-differenza bejn il-ħruġ u d-dħul,* **jiġifieri li jonfoq madwar Lm8.5 miljun aktar mid-dħul.**

*Dan, il-Gvern ser jagħmlu sabiex ikun jista' joħloq xogħol fl-iqsar żmien possibbli.*

*B'dawn il-flus ser niffinanzjaw programm speċjali li jinkludi numru ta' proġetti ta' żvilupp u tisħiħ ta' l-infrastruttura li wkoll għandu jiġġenera, aktar malajr, attività ekonomika fil-Pajjiż."*

**Dan li ġej huwa siltiet mill-kumplament tad-diskors tal-Budget ippreżentat fil-Parlament nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 1985 mid-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u Dwana s-Sur Wistin Abela:**

## Riżervi

Parti tar-riżervi barranin Maltin m'humiex f'muniti barranin, imma f'deheb. Billi l-valur tad-deheb kien miżmum fil-kotba tal-Bank bil-prezz oriġinali ta' meta nxtara, dan ser jiġi rivalutat bil-prezz kurrenti. **Dan juri kemm kienet għaqlija l-politika tal-Gvern li dejjem kattar ir-riżerva ta' deheb tal-Bank Ċentrali.**

**Il-Gvern, għandu wkoll kważi Lm20 miljun oħra investiti barra permezz ta' numru ta' fondi uffiċċjali bħalma huma dawk tal-Awtorita' tad-Djar u tal-Fond tal-Posterita'.**

**Mar-riżervi uffiċċjali, wieħed irid iżid ukoll l-assi netti barranin tal-banek kummerċjali u banek oħra lokali. Sa Settembru, dawn l-assi żdiedu b' Lm15 -il miljun biex laħqu Lm75 miljun.**

## Depożiti fil-Banek

Din is-sena kompliet tikber il-popolarita' tad-depożiti tant li saħansitra sa l-aħħar ta' Settembru 1985 dawn kibru b' Lm35 miljun, waqt li l-flus fl-idejn naqsu bi Lm8 miljuni. **Barra minn hekk, il-mod kif żdiedu d-depożiti jikkonferma kemm qed tissaħħah il-fiduċja tal-poplu fis-sistema bankarja, megħjjuna sew bl-istabbilita' finanzjarja li jgawdi pajjiżna.**

**Matul l-ewwel disa' xhur ta' l-1985, il-banek kabbru s-self lokali tagħhom bi kważi Lm9 miljun biex sa Settembru dan is-self qabeż l-ammont ta' Lm211 -il miljun.**

### Rati ġodda ta' imgħax

Sadanittant, b'effett mis-sena d-dieħla, ir-rata ta' l-imgħax fuq depożiti fissi ġodda, ser tinżel b'nofs wieħed fil-mija (għal 4½% fis-sena fuq depożiti għal sitt xhur u għal 5½% fis-sena fuq depożiti għal sena).

Għal dik li hi rata ta' l-imgħax li l-banek jieħdu fuq is-self tagħhom, ser tibda tkun bejn sebgħa u tmienja fil-mija.

B'hekk, il-gwadan li l-banek ser jagħmlu billi jagħtu imgħax inqas fuq id-depożiti, ser jiġi mgħoddi lis-setturi varji ta' l-ekonomija speċjalment dawk produttivi.

Ir-rata mhix sussidjata ta'l-imgħax lill-individwi li sselfu jew jisselfu biex jixtru jew jibnu d-dar residenzjali tagħhom se ssir 7½% b'effett mill-bidu ta' l-1986, flok 8%.

## Mutual Unit Trust
## Mediterranean Investment Fund
## BICAL

Fil-każ tal-Mutual Unit Trust u l-Mediterranean Investment Fund, il-kontrollur il-ġdid qiegħed jagħmel verifika dettaljata tal-fatti u tax-xogħol li sar u mistenni li dalwaqt joħorġu rapporti komprensivi.

Dwar il-BICAL qed jitkompla x-xogħol mill-kontrollur il-ġdid biex jinbiegħu l-assi li hemm u fi żmien mhux 'il bogħod għandu jingħata pagament parzjali ieħor.

## Flus — Karti u Muniti ġodda

Is sett ġdid ta' karti ta' flus ser ikun f'denominazzjonijiet ta' Lm2, Lm5, Lm10 u Lm20. L-ewwel ħruġ ta' xi denominazzjonijiet ta' dawn il-flus ser isir dalwaqt.

Qed isiru wkoll tħejjijiet mill-Bank Ċentrali u z-Zekka ta' Malta biex joħroġ sett ġdid ta' muniti definittivi u għall-ewwel darba dan se jinkludi munita ta' lira. Hu maħsub li dawn joħorġu fl-idejn fl-aħħar tal-1986.

# Investimenti Ġodda u Bini ta' Fabbriki

Investimenti ġodda li daħal għalihom il-Gvern flimkien mal-privat huma Natural Products, Corolla Mobili, u l-Mediterranean Coral Fishing Co, minbarra nvestimenti oħra f'intrapriżi diġa stabbiliti bħalma huma l-Metalfond u l-Malta Shipbuilding li t-tnejn mistennija jżidu l-impjiegi speċjalment din ta' l-aħħar.

Il-Gvern kompla bil-programm ta' bini ta' fabbriki biex ilaħħaq mat-talba illi kellha l-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilup minn diversi industrijalisti ġodda jew minn oħrajn li riedu jkabbru. Permezz ta' dan il-programm ser jinbnew għadd ta' fabbriki ġodda fl-oqsma ndustrijali ta' Bulebel, il-Marsa, San Ġwann, Kordin u Ħal Far. B'hekk fost vantaġġi oħra, min jitħajjar jinvesti f'Malta jsib fabbriki lesti f'oqsma ndustrijali bis-servizzi infrastrutturali kollha meħtieġa.

## Produzzjoni Aktar

Fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena l-produzzjoni totali mis-settur tal-manifattura telgħet bi Lm8.6 miljuni għal Lm230 miljuni

## Żieda fl-Esportazzjoni

L-esportazzjoni kompliet tikber fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, għalkemm b'ritmu anqas qawwi mill-istess xhur tas-sena li għaddiet. Il-bejgħ barra l-pajjiż ta' prodotti Maltin żdied b'Lm1.8 miljun għal Lm126.6 miljuni waqt li r-rijesportazzjoni telgħet għal Lm13.4 miljuni.

Iżda peress li x-xiri minn barra ta' prodotti tela' b'Lm21.2 miljuni għal Lm261.9 miljuni, dan kompla jwessa' l-iżbilanċ kummerċjali għal Lm121.9 miljuni.

## Għajnuna għall-Esportaturi

Minkejja d-domanda qawwija fuq ir-riżorsi finanzjarji, l-Gvern se jalloka Lm2 miljuni għal skema ta' nkoraġġiment lis-settur ta' l-esportazzjoni.

Permezz ta' din l-iskema l-Gvern ikun jista' jagħti għajnuna lill-esportaturi tagħna għar-rigward tar-rata tal-kambju fejn qegħdin isibu li jistgħu jbiegħu basta ikollhom din l-għajnuna.

## Skemi ta' Inċentivi dwar l-Impjiegi

Il-Gvern, barra milli jinvesti hu stess f'kumpaniji parastatali, mhux qed jonqos li jgħin lill-intrapriżi privati biex huma wkoll ikabbru u jifirxu l-ħidma tagħhom. Għalhekk, f'Awwissu ta' din is-sena, il-Gvern nieda tliet skemi ta' inċentivi għall-impjiegi li joffru għajnuna lill-industrijalisti, ibbażata fuq il-ħolqien ta' mpjiegi ġodda.

Din l-iskema l-Gvern ser ikompli jħaddimha tul l-1986 u għaldaqstant qed jipprovdi għaliha nofs miljun lira Maltin fis-sena li ġejja.

## Jonqos il-Qgħad

Ir-rata tal-qgħad f'Settembru ta' din is-sena kienet ta' 8.6 fil-mija meta fl-aħħar ta' l-1984 kienet ta' 9.0 fil-mija. B'kollox in-numru ta' ħaddiema bla xogħol kien ta' 10,527 — jiġifieri 8,319-il raġel u 2,208 nisa. Bejn Jannar u Settembru l-għadd ta' ħaddiema bla xogħol **naqas minn xahar għall-ieħor,** bl-akbar tnaqqis f'Lulju w Awissu. Sinjal pożittiv kien li l-ħaddiema fuq ġimgħa mnaqqsa ta' xogħol niżlu għal 664 meta f'Diċembru li għadda kien hemm b'kollox 1,875.

# Il-Pagi u r-Roħs fil-Prezzijiet

Għat-tielet sena wara l-oħra, l-Gvern irnexxielu jraħħas l-ħajja permezz ta' għadd ta' miżuri għaqlin u f'waqthom. Il-livell medju tal-prezzijiet bejn Jannar u Settembru ta' l-1985 wera tnaqqis ta' 0.5 fil-mija fuq il-livell medju ta' l-ewwel disa' xhur tas-sena ta' qabel.

Għal dan it-tnaqqis għen ir-roħs fil-prezzijiet li l-Gvern kien ħabbar bħal daż-żmien sena u li beda jseħħ mill-1 ta' Jannar ta' l-1985.

**Għalhekk mhux il-każ li l-Gvern jagħti żjieda fil-pagi speċjalment fiċ-ċirkustanzi preżenti meta l-Gvern qed jagħmel ħiltu kollha biex jara li joħloq xogħol ġdid għall-ħaddiema Maltin permezz tal-għadd kbir ta' miżuri li qed iħabbar f'dan il-Budget.**

# Xiri bil-Kwantita'

Minn mindu twaqfet it-Taqsima tal-Bulk Buying dejjem ħadmet bil-għan ewlieni li permezz tal-attivitajiet tagħha ma tħallix il-prezzijiet jogħlew. Dan il-għan wettqitu anke billi, barra li ffinanzjat it-tnaqqis fil-prezzijiet imħabbra fil-**Budget Speech** tas-sena l-oħra, fejn kien meħtieġ issussidjat prezzijiet ta' oġġetti essenzjali li kienu għolew barra minn Malta.

**It-taqsima ser tassigura li anki fis-sena li ġejja l-prezzijiet tal-prodotti li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tagħha ma jogħlewx għall-konsumatur.**

## Income Tax — Tnaqqis dwar Mard

Kull min għalaq il-61 sena f'xi sena qabel is-sena ta' stima 1986 mhux ser ikollu iżjed bżonn ta' ċertifikazzjoni ta' tabib meta ssir talba dwaru għal tnaqqis dwar marda kronika basta tkun diġa' ġiet milqugħa qabel talba mid-Dipartiment dwar tnaqqis għall-istess marda.

# Ħlasijiet ġodda

Dawk li jsiefru bil-baħar ser jibdew iħallsu wkoll id-dritt ta' Lm2.

Fil-każ ta' dawk id-depożiti miżmuma f'akkont ''bearer'' issa r-rata ta' impost ser titla' minn wieħed u nofs għal tnejn fil-mija.

Id-dritt mħallas fuq bejgħ u trasferimenti ta' immobbli minn Lm2.60 fuq kull Lm100 jew parti minnha ta' l-ammont jew tal-valur ser jitla' għal Lm3.50.

Mis-sena d-dieħla l-ħlas tal-liċenzja tas-sewqan ser ikun ta' Lm2 minflok il-Lm1

Ser isir ħlas ta' 10 ċenteżmi billi titwaħħal bolla ta' dan l-ammont fuq kull formola li tintbagħat. Din il-miżura mistennija tnaqqas l-ispejjes tal-Gvern biex jipprovdi, jistampa u jqassam dawn il-formoli.

Fuq kull liċenzja ta' importazzjoni ser jibda jitħallas dritt ta' Lm1 meta din tinħareġ. Dan hu ħlas baxx meta wieħed iqis ix-xogħol involut fl-għoti ta' dawn il-liċenzji.

## Malta Counter Trade Company

Din is-sena l-Gvern waqqaf il-Counter Trade Company li fost għanijiet oħra għandha l-għan ewlieni li ġġiegħel lil min Malta tixtri minn għandu biex hu jixtri minn Malta — **kummerċ reċiproku.**

Diġa' din il-kumpanija rnexxiela li xi prodotti ta' konsum kbir lokali jinxtraw minn barra bl-aħjar kundizzjonijiet, kemm ta' prezz kif ukoll ta' xiri reċiproku, jiġifieri ta' xiri ta' prodotti Maltin minn naħa tal-barranin. Għalhekk minn fejn qed nixtru l-faħam, iż-żejt u xi kwantitajiet ta' ħadid, dawn qed jixtru prodotti Maltin. B'hekk qed tiżdied l-esportazzjoni u naturalment jiżdied in-numru ta' ħaddiema Maltin li qed jaħdmu f'dan is-settur.

L-akbar suċċess tal-Counter Trade huwa l-fatt li diversi organizazzjonijiet minn diversi pajjiżi qed jitolbu lil Malta Counter Trade biex jirrappreżentaw il-Kumpanija barra minn Malta u biex jinnegozjaw transazzjoni interessanti. Dan hu suċċess li rari jekk qatt inkiseb minn organizazzjonijiet simili fl-ewwel xhur tat-twaqqif tagħhom, li jikkonferma l-għaqal fit-twaqqif u t-tmexxija ta' din l-organizazzjoni u li jawgura prospetti isbah għax-xhur li ġejjin.

## Qasam ta' l-Assigurazzjoni

Ser jitwaqqaf l-"Insurance Security Fund". Permezz ta' dan il-Fond, jitħallsu dawk it-talbiet għal pagamenti f'każ li l-kumpanija tal-assigurazzjoni ma tkunx tista' tħallas. Il-Fond jipprovdi wkoll għall-ħlas ta' kumpens lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fejn is-sewwieq jew ma jkunx magħruf jew inkella fil-każ li l-karozza tiegħu ma tkunx assigurata.

## Btajjel Pubbliċi li Jaqgħu s-Sibt jew il-Ħadd

Kull meta btala pubblika taqa' s-Sibt jew il-Ħadd, tiżdied ġurnata "leave" ma l-"optional leave" tal-ħaddiema. Fejn jintlaħaq ftehim bejn min iħaddem u l-union, il-ġurnata "leave" tingħata skond dan il-ftehim.

**Din il-miżura tgħodd għall-ħaddiema kollha, kemm għal dawk fis-settur pubbliku, kif ukoll għal dawk fis-settur privat.**

## Portable Televisions tal-Kulur

Is-sena d-dieħla il-Gvern Soċjalista ser jagħti spinta lin-negozjati ma' ditti barranin, ħalli kif parti mix-xogħol fuq is-settijiet tat-television kbar isir hawn Malta, hekk ukoll jibda jsir l-istess għas-settijiet tat-television tal kulur "portable" u b'hekk inżidu aktar impjiegi.

## Video Recorders, Video Cameras u Cordless Telephones

Waqt li qed titnaqqas l-importazzjoni ta' xi oġġetti minħabba "import substitution", ser jibdew jidħlu Malta oġġetti oħra, jiġifieri Video Recorders, Video Cameras u Cordless Telephones, li għalkemm ġodda huma mfittxija ħafna fid-dinja kollha.

Dan jeħtieġ li jsir bil-mod biex inħarsu l-bilanċ tal-pagamenti.

# Djar

Fil-qasam tad-djar il-Gvern irid iwettaq programm li permezz tiegħu jiġu rranġati madwar 700 dar li huma neqsin minn ċerti faċilitajiet sabiex dawk li joqogħdu fihom ikunu jistgħu jgħixu ħajja aħjar f'kundizzjonijiet aktar deċenti. Dawn id-djar jinkludu kemm bini mħolli mis-Servizzi Ingliżi, kif ukoll djar li mhumiex ta' livell deċenti għall-ħajja tal-lum.

**Il-Gvern ser wkoll jissussidja l-kera ta' numru ta' djar u flats li bħalissa huma vojta u għalhekk jistgħu jilqgħu fihom numru konsiderevoli ta' familji li bħalissa mhumiex jgħixu fi djar ta' livell mixtieq.**

B'din il-miżura l-Gvern Soċjalista qed iqarreb ferm lejn l-iskop tiegħu li kull familja Maltija tgħix ġo dar deċenti.



**Il-proġett ta' flats u stabbilimenti li qegħdin jinbnew mill-Gvern fil-Gżira.**

## Xogħol ta' Drenaġġ

Għalkemm l-inħawi popolati huma kollha, tista' tgħid, milħuqa mis-sistema tad-drenaġġ, jibqa' dejjem meħtieġ li jsiru estensjonijiet ġodda fejn jitla' bini ġdid.

## Impjant għall-Ipproċessar ta' l-Iskart

Wasal iż-żmien li jinħolqu l-mezzi kif mill-iskart li qiegħed jiġi mormi nieħdu xi ħaġa lura, bħal mhu qiegħed isir mis-"swill" li jiġi pproċessat, u mid-drenaġġ li jiġi purifikat u utilizzat għat-tisqija tar-raba'. Dan nistgħu nagħmluh billi nwaqqfu mpjanti biex mill-iskart nipproduċu fertilizzant.

## Hostels

Pass ieħor 'il quddiem fil-kamp soċjali hu t-twaqqif ta' **hostels** f'inħawi diversi biex xjuħ, nies inkapaċitati u persuni oħra li l-każ tagħhom ikun hekk jeħtieġ, ikunu jistgħu jibqgħu joqogħdu viċin qrabathom fl-istess ambjent fejn qattgħu l-parti l-kbira ta' ħajjithom.

Il-Gvern ħaseb ukoll biex jipprovdi akkomodazzjoni f'**hostels** għal dawk l-Għawdxin li qegħdin jaħdmu jew jistudjaw f'Malta u li sal-lum kultant isibuha diffiċli biex isibu fejn joqogħdu.

# Toroq

Fost ix-xogħol fuq toroq għas-sena d-dieħla hemm dak tal-Mellieħa By-Pass, li, barra milli taqta' t-traffiku żejjed minn ġol-Mellieħa, tħaffef it-triq lejn Għawdex. Triq oħra meħtieġa hija l-By-Pass ta' Birkirkara, li hu post ċentrali u traffikuż.

**Biex ikun hemm aċċess aħjar għal-port ta' Marsaxlokk ser tinbena wkoll By-Pass għal Birżebbuġa.**

Ma' dawn it-tliet toroq isiru jew jitwessgħu toroq oħra bħal dawk li jgħaqqdu Żabbar/Żejtun, Tarxien/Żejtun, il-By-Pass tal-Gudja u t-triq tar-Rabat (il-parti ta' H'Attard). Ser jinbeda x-xogħol ukoll fuq il-pont tal-Wied ta' l-Imsida lejn in-naħa ta' Birkirkara. Barra dawn, ser isir twessiegħ u rranġar ta' toroq oħra sekondarji f'diversi nħawi f'Malta u Għawdex.

Fl-aħħarnett, ser jitkompla l-programm ta' kisi tat-toroq bit-tarmac.



**It-Triq il-ġdida**
**— il-Qormi By Pass**

# Ilma

Peress li l-livell ta' l-għixien u l-iġjene tal-poplu Malti qegħdin dejjem jogħlew, il-konsum ta' l-ilma qiegħed ukoll jiżdied, u għalhekk il-Gvern ser ikompli jsaħħaħ is-servizz għall-provvista ta' l-ilma. Biex dan isir, jeħtieġ li l-Gvern jonfoq flejjes kbar ħalli jipproduċi ilma minn għejjun naturali u minn sorsi oħra speċjalment bl-użu tal-impjanti li jibdlu l-ilma baħar f'ilma ħelu.

It-tħaddim ta' l-Impjanti tar-"Reverse Osmosis" f'Għar Lapsi u l-Marsa ser jiswa lill-Gvern madwar Lm2.2 miljuni. Barra min hekk, is-sena d-dieħla l-Gvern ser jalloka ukoll Lm200,000 biex jitħaddem d-distillatur, f'Għawdex.

**Ser jitwettaq ukoll programm estensiv biex jinbidlu kanen ta' l-ilma li huma qodma u li ma jlaħħqux mal-ħtiġijiet tal-lum. Dan hu xogħol li ilu jsir mid-Dipartiment ta' l-Ilma iżda issa l-Gvern iddeċieda li jwettaq dan il-programm fuq skala intensiva b'enfasi fuq dawk l-inħawi li jbatu mill-problema ta' nuqqas ta' ilma.**

## Bini ta' Ġibjuni

Il-Gvern ser jibni wkoll għadd ta' ġibjuni ġodda għal distribuzzjoni aħjar ta' l-ilma.

# Benefiċċji Soċjali

Bħal fis-snin l-imgħoddija, u dejjem skond il-politika tal-Gvern Soċjalista li jaħseb l-ewwel u l-iktar f'dawk li huma fil-bżonn u l-iżjed li jeħtieġu l-għajnuna, l-ogħla nfiq ser ikun fuq il-benefiċċji li jitħallsu taħt l-Iskema tas-Sigurtà Nazzjonali u bħala Għajnuna Soċjali. Din in-nefqa mistennija tilħaq is-somma ta' 'l fuq minn Lm84 miljun.

## Miżuri u Titjib fis-Servizzi Soċjali

Il-Gvern Soċjalista ser ikompli bħas-soltu jtejjeb is-Servizzi Soċjali b'dawn il-miżuri:

1. Għoti ta' għajnuna soċjali lin-nisa li ma jistgħux joħorġu jaħdmu minħabba mard serju fil-familja, jew għax qed jieħdu ħsieb qraba ta' età kbira li ma jkunux f'qagħda jieħdu ħsieb tagħhom infushom.

2. Pensjoni mhux kontributorja ta' l-inkapaċitati bbażata fuq mezzi lil dawk li jinsabu bla dirgħajn jew bla saqajn, jew paralitiċi minn idejhom it-tnejn jew saqajhom it-tnejn.

3. It-tneħħija tal-provvediment dwar il-perjodu ta' snin ta' residenza effettiva f'Malta fl-għoti tal-pensjoni mhux kontributorja għall-għomja, nkapaċitati u xjuħ.

4. Għoti lis-"self-employed" li jkorru waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew li jsofru xi mard relatat max-xogħol tagħhom, il-benefiċċju tal-korriment u tad-disabilità f'każ li jiqfilhom id-dħul.

5. Isir aġġustament fil-pensjoni tar-romol ta' 'il fuq mis-60 sena li permezz tiegħu dawk li żwieġhom mietu qabel Jannar 1979 jew li żwieġhom kienu jaħdmu għal rashom, ser ikunu jistgħu jaslu sa rata ta' Lm16.50c fil-ġimgħa. Dan l-aġġustament ser igawdu minnu madwar 3,800 armla.

6. L-"Orphans Allowance" u l-"Guardian's Allowance" jiġu amalgamati flimkien bir-rata l-iżjed għolja fost it-tnejn.

7 Meta kap ta' familja li jkun qed jirċievi l-"allowance" tat-tfal jerġa' jiżżewweġ, jingħata d-dritt li martu tirċievi l-"allowance" anke għat-tfal li ħarġu mit-tieni żwieġ.

8. Jekk persuna li tkun qed tirċievi pensjoni kontributorja tidħol il-ħabs, nofs dik il-pensjoni tibqa' titħallas lil martu jekk tkun għadha d-dar u ma tkunx qed taħdem jew tkun diġà qed tirċievi pensjoni.

Barra minn dan, matul is-sena ser isir stħarriġ dwar il-possibilità ta' l-għoti ta' benefiċċju tal-mard lill-kategorija oħra ta' "self-employed", kif ukoll dwar l-għoti ta' pensjoni lil dawk li għal raġuni valida ma jkunux jistgħu jitrasferixxu jew iċedu liċenzja biex imexxu negozju.

# Edukazzjoni



Il-Gvern irid jiftaħ il-bibien għat-tagħlim ġdid u modern.

Fis-sena li għaddiet il-Gvern kompla bil-pjan tiegħu li jsaħħaħ l-oqsma kollha ta' l-Edukazzjoni biex jiżgura li ulied il-poplu jkollhom kull opportunità li jitgħallmu biex imbagħad 'il quddiem jagħtu s-sehem tagħhom fl-iżvilupp tal-pajjiż.

Il-Gvern irid jiftaħ il-bibien għal tagħlim ġdid u modern, tagħlim li jwessa' l-orizzonti taż-żgħażagħ Maltin u jħejjihom aħjar għad-dinja tax-xogħol. Irid isaħħaħ is-snajja' tal-ħaddiema tagħna sabiex meta jiġu fuqna s-snajja' aktar avvanzati tal-futur isibuna ppreparati u lesti.

Il-Gvern ser jagħmel ħiltu kollha biex jitwaqqfu f'Malta "High Technical Industrial Training Centres". Permezz ta' dawn iċ-ċentri, żgħażagħ Maltin jingħataw taħriġ intensiv fi snajja' li fil-futur naħsbu li ser ikun hawn talba għalihom. Il-ħsieb tal-Gvern hu li dawn iċ-ċentri nwaqqfuhom permezz ta' koperazzjoni ma' ditti serji barranin li huma speċjalizzati f'ċerti oqsma ta' produzzjoni industrijali. Dawn id-ditti jagħtuna pariri u għajnuna dwar it-tip u l-kwalità ta' taħriġ li jkunu meħtieġa u jiżguraw li ż-żgħażagħ li joħorġu minn dawn iċ-ċentri jkollhom livell ta' taħriġ li jħabbatha sew ma livelli internazzjonali.

Fuq livell aktar avanzat wasal issa ż-żmien li l-Gvern jikkontrolla l-professjonijiet ġodda bħall-inġinerija u l-management permezz tal-għoti ta' warrants lill-gradwati f'dawn l-oqsma.

# Taħriġ fl-Użu u Tħaddim tal-Computers

**Il-Gvern iħoss ukoll li wasal il-waqt li ż-żgħażagħ Maltin ninkuraġġuhom biex isiru jafu aktar mill-qrib l-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija u jsiru aktar familjari ma' l-użu u tħaddim tal-computers fid-dinja tal-lum. Dan irid ikun il-bidu ta' qabża kbira li trid tagħmel il-ġenerazzjoni li qed titla' llum jekk irridu tassew li fis-snin li ġejjin ma ninqatgħux mill-iżviluppi kbar fit-teknoloġija u fil-produzzjoni industrijali.**

**Għal dan il-għan il-Gvern fi ħsiebu jagħmel it-tħejjijiet li huma meħtieġa biex jorganizza korsijiet ġodda fil-computer studies għal żgħażagħ li jkunu spiċċaw mill-eżamijiet f'livell avvanzat u jkollhom ix-xewqa li jitgħallmu aktar fuq dawn is-suġġetti. Permezz ta' dawn il-korsijiet, liż-żgħażagħ tagħna nkunu qed ngħinuhom biex isiru aktar familjari mal-computers.**

## Saħħa

Il-Gvern se jkompli jsaħħaħ is-servizzi li d-Dipartiment tas-Saħħa jagħti fl-Isptarijiet, fil-Poliklinići kif ukoll fid-djar permezz ta' l-espansjoni tas-Servizz ta' Kura fil-Komunità u tal-"General Practitioners" mifruxa fuq 24 siegħa. Dan ser isir biż-żjieda ta' staff mediku bħal tobba u speċjalisti u staff paramediku bħal nurses u Health Assistants li ser jilħqu s-sena d-dieħla wara t-taħriġ meħtieġ.

L-isptarijiet ser ikomplu jiġu mgħammra b'tagħmir iktar speċjalizzat, u biex jonqos dejjem iktar l-iffullar fl-isptarijiet, il-Gvern se jiftaħ aktar poliklinići li minnhom jibdew jingħataw servizzi ta' X-Ray u jinqdew ħtiġijiet ta' spiżerija.

Ta' min isemmi wkoll li bħalissa fl-isptarijiet tagħna qegħdin isiru operazzjonijiet diffiċli u delikati fuq pazjenti li qabel kien ikun jeħtiġilhom isiefru.

Id-Dipartiment tas-Saħħa huwa wkoll responsabbli għat-tindif tat-toroq u nħawi oħra pubbliċi biex jinħoloq ambjent aħjar u iktar nadif għall-pubbliku.

## Sports

Għaż-żgħażagħ u t-tfal tagħna, u għal kull min iħobb l-isports, il-Gvern kompla jtejjeb l-faċilitajiet sportivi. Bħalma kien dan il-Gvern li ħaseb għall-ground nazzjonali tal-football u l-korsa ġdida tal-Marsa, pitches tal-boċċi ma' kullimkien u faċilitajiet oħra, issa wkoll qed jinbena padiljun ġdid ta' l-isports f'Kordin, u "swimming pool" ta' qisien olimpiċi f'Wied il-Għajn. Dawn il-proġetti l-Gvern iwettaqhom għax jemmen tassew fil-ħtieġa li ż-żgħażagħ tagħna jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi, li huma mezz tajjeb kif ibegħdu lill-ġenerazzjoni żagħżugħa mill-perikli kbar tal-lum.

## Ambjent

### Restawr ta' Bini Storiku u Monumenti

Biex iħares l-ambjent u jippreserva l-wirt ta' bini storiku il-Gvern se joħloq grupp speċjali ta' ħaddiema biex jieħu ħsieb it-tindif u restawr ta' dan il-bini u s-swar.

Fost ix-xogħol li ser isir hemm dak tat-Torri ta' San Luċjan, fejn ser isir il-Mużew Marittimu, u dak fil-"War Rooms" ta' Lascaris.

Minbarra dan, il-Gvern beda kampanja sħiħa biex jissebbaħ l-ambjent ġenerali u għal dan il-għan ġew impjegati nies apposta biex isir dan ix-xogħol. Toroq, "roundabouts" u "bus shelters" qed jingħataw dehra isbaħ b'tindif u manutenzjoni. Jeħtieġ iżda li l-poplu jagħti s-sehem tiegħu wkoll billi ma jħallix numru żgħir ta' vandali jħarbtu dan ix-xogħol li qed jagħti dehra isbaħ lil pajjiżna.

### Park Nazzjonali

Ta' Qali hu post li jattira ħafna Maltin fi tmiem il-ġimgħa, iżjed u iżjed mindu hemmhekk inbena l-istadium nazzjonali. Sadattant, iżda, għad fadal ħafna spazju f'Ta' Qali li jista' jintuża aħjar u b'mod kontrollat għall-ġid u t-tgawdija tal-poplu.

Għalhekk il-Gvern se jibda jiżviluppah f'park nazzjonali. Dan il-park iżid ma l-attrazzjoni naturali ta' dawn l-inħawi billi l-iżvilupp ikun fuq il-bażi ta' "parks" bħal dawk li nsibu barra minn Malta.

### Car parks

Is-sena d-dieħla l-Middle Sea Insurance ser tibni żewġ "Multi Storey Car Parks", wieħed il-Belt Valletta għal fuq minn 500 karozza u ieħor ħdejn l-Isptar San Luqa għal 200 karozza — żewġ postijiet fejn l-aktar tinħass il-ħtieġa. Dawn barra li jnaqqsu l-problema tal-parking, kemm fil-Belt u ħdejn l-Isptar, jgħinu wkoll biex jiġġenera xogħol kemm fil-bini tagħhom u anke wara.

## Il-Belt Valletta

Il-Gvern Soċjalista jħoss li wasal iż-żmien li jinbeda proġett maħsub biex jaċċentwa iżjed il-ġmiel tal-Belt Valletta — li minn ħafna aspetti hi ċ-ċentru ta' Malta — u biex iżid ma' dan il-ġmiel.

Għall-bidu l-proġett jinqasam fi tnejn: l-ewwel ser jittieħdu passi biex il-bini pubbliku u l-monumenti fil-Belt jiġu mnaddfa u, fejn meħtieġ, restawrati; u t-tieni bil-għajnuna ta' esperti Maltin u barranin qed infasslu proġett biex intejbu u nagħmlu użu aħjar minn dħul il-Belt, fejn issa hemm it-terminus tal-karozzi, u l-fosos ta' dik in-naħa.



Proġett għall-użu aħjar minn dħul il-Belt.

## Turiżmu

Investiment ieħor qawwi kien fit-turiżmu fejn l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu din is-sena nefqet madwar miljun lira f'pubbliċita' turistika li diġa' bdejna nħossu l-effet tajjeb tagħha, **tant li din is-sena qed nistennew madwar nofs miljun turist waqt li s-sena li ġejja qed nistennew b'kollox 600,000 turist**.

Dan għandu jgħin biex is-sena d-dieħla jiżdiedu l-impjiegi f'dan il-qasam tant importanti għall-ekonomija tagħna.

### Dħul mit-Turiżmu

**Matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena daħħalna b'kollox madwar Lm55 miljun mit-turiżmu, kważi Lm5 miljuni aktar mill-istess xhur tas-sena li għaddiet.**

## Bini ta' Air Terminal

Wara li fil-bidu tas-snin sebgħin il-Gvern Soċjalista wettaq il-proġett tal-estensjoni tar-runway fl-ajruport ta' Ħal-Luqa, issa wasal iż-żmien li jibni **air terminal** ġdid, modern u attrezzat tajjeb biex ilaħħaq mas-servizz dejjem jikber li jrid jagħti l-ajruport tagħna. Il-ħtieġa ta' dan it-**Terminal** il-ġdid qed tinħass għax il-ġarr tal-passiġġieri u merkanzija fis-snin li ġejjin ser ikompli jikber waqt li l-operaturi ta' linji barranin li jużaw l-ajruport tagħna qegħdin dejjem jiżdiedu

Ser ukoll titkompla t-tiswija ta' l-"apron" il-qadim, ser jitlesta' l-bini għar-radar mogħti mill-Gvern Taljan u ser jinxtara "X—Ray Screening equipment" biex inkomplu nsaħħu s-sigurta' fl-ajruport.

## Duty-free Zone

Fl-istess ħin hemm il-ħsieb li t-Terminal li hemm jinbidel f'Zona Duty Free fejn il-passiġġieri jkunu jistgħu jixtru prodotti differenti bi prezzijiet baxxi. Żona bħal din fejn il-prodotti jinxtraw bla dazju **għad m'hawnx bħala fil-Mediterran**.

## Enemalta

Il-Korporazzjoni ta' l-Enemalta għandha programm vast ta' żvilupp. Matul is-sena d-dieħla l-Korporazzjoni ser tagħmel spiża kapitali qawwija fuq xogħol konness mal-proġett ta' estensjoni tal-Power Station.

Sar titjib fis-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku inklużi żewġ estensjonijiet primarji mill-Power Station għat-tramuntana ta' Malta u Għawdex.

**Il-Konsum ta' l-elettriku f'perijodu ta' sena żdied b'mhux anqas minn 7.2 fil-mija**


**Il-Boiler Nru. 8 li mistenni jibda jitħaddem fi ftit xhur oħra.**

## Telemalta

Il-programm ta' xogħol tat-Telemalta, jikkonsisti f'xiri ta' tagħmir u fix-xogħol kollu meħtieġ biex jingħataw 38,000 linja ġdida tat-telefon. Għoxrin elf minn dawn il-linji għandhom jitlestew is-sena d-dieħla. B'hekk inkunu qed noqorbu lejn l-għan aħħari li jasal is-servizz tat-telefon lil kull min jixtieq li jkollu dan is-servizz.

# AirMalta

Investiment qawwi li jrid isir s-sena d-dieħla hu għall-bdil ta' tlett ajruplani ta' l-AirMalta. Din is-sena, kemm imħabba x-xogħol dejjem jiżdied fil-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija, u anke minħabba l-liġijiet kontra l-ħsejjes fil-pajjiżi tas-Suq Komuni (li minn Jannar tal-1988 mhux ser iħallu aktar ajruplani tat-tip Boeing 720B jinżlu fl-ajruport tagħhom), l-AirMalta qegħda tara x'tip ta' ajruplani teħtieġ biex tkun tista' tlaħħaq max-xogħol li dejjem jiżdied.

Flimkien ma' l-AirMalta, l-Gvern fi ħsiebu jara kif il-poplu jista' jieħu sehem f'dan l-investiment kbir li jrid isir.

# Sea Malta

Fl-1986, is-Sea Malta għandha l-ħsieb li tespandi s-servizzi tal-ġarr ta' **"trailers"** u **"containers"** bejn Malta, l-Italja, u Marsilja, servizz mill-aktar imfittex mill-industriji u l-esportaturi Maltin. Is-Sea Malta ser iżżid ukoll il-"liner service" bejn ir-Renju Unit u l-kontinent Ewropew filwaqt li qegħda tiftiehem ma' linji stabbiliti biex l-esportaturi u l-importaturi Maltin jkollhom servizzi spissi, regolari u ekonomiċi għal u mill-portijiet ewlenin li magħhom l-aktar li għandna kummerċ. Dan għandu jgħin ħalli l-industriji tagħna jkunu f'qagħda li jwasslu l-prodotti tagħhom lejn swieq barranin bl-aktar mod ekonomiku.

# Tarzna

**L-aktar qasam importanti fl-istruttura ekonomika ta' Malta hu dak tal-manifattura u t-tiswija u l-bini ta' vapuri. Dan is-settur żied il-produzzjoni bi ftit aktar minn nofs miljun lira għal Lm93.7 miljuni.**

Fil-qasam tat-tarznari, din is-sena reġgħet kienet sena iebsa. Bil-kuntratti li rġajna rbaħna minkejja kompetizzjoni ħarxa minn tarznari oħra għal xogħol ta' tibdil u mmodernizzar fuq vapuri tal-passiġġieri, ser jiżdied sostanzjalment il-valur tax-xogħol fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena. Matul dawn ix-xhur tkompla l-bini ta' żewġ **supply vessels** għaċ-Ċina waqt li nbeda wkoll x-xogħol fuq l-ordni ta' tmien vapuri li għandna mir-Russja. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tat-Tarzna l-qadima u tat-Tarzna il-ġdida tal-Marsa.

## Reġistrazzjoni ta' Vapuri taħt il-Bandiera Maltija

Meta wieħed iqis il-kompetizzjoni qawwija li teżisti bejn il-pajjiżi biex jiġu rreġistrati vapuri taħt il-bnadar tagħhom, wieħed jara li, minkejja l-vantaġġ ta' esperjenza li għandhom fuqna ħafna nazzjonijiet li daħlu żmien twil qabilna f'dan il-qasam, aħna għamilna progress kbir. Sa issa għandna rreġistrati f'Malta iżjed minn 600 vapur bi ftit anqas minn żewġ miljun tunnellata.

## Żejt

F'Diċembru tal-1984 l-AGIP kienet ħaffret bir ta' 6,300 metru bi spiża ta' madwar ħamsin miljun dollaru. Fl-aktar parti fonda tal-bir kien hemm "show" ta' gass u ta' żejt. Sfortunatament mill-analiżi bir-reqqa li saret mill-Agip — u din ġiet ikkonfermata minn team ta' ħames esperti — ġie stabbilit li l-bir ġie mħaffer u studjat skond kif titlob is-sengħa u li l-gass u ż-żejt li nstab kien żejt li emigra minn x'imkien ieħor.

Mill-informazzjoni ġeoloġika miksuba minn dan il-bir u mis-sebat ibjar l-oħra li tħaffru — u dawn kollha tħaffru taħt Gvern Soċjalista — għandna ndikazzjoni aħjar ta' liema żoni huma l-aktar promettenti għall-esplorazzjoni futura.



**Minkejja kompetizzjoni ħarxa t-Tarzna ta' Malta qed tirbaħ kuntratti kbar għal xogħol ta' tibdil u modernizzar fuq vapuri lussużi tal-passiġġieri.**

# Marsaxlokk

**Fost il-proġetti mibdija, l-ikbar wieħed hu l-iżvilupp tal-Port ta' Marsaxlokk, li fuqu s-sena d-dieħla l-Gvern ser jonfoq ammont ieħor kbir ta' Lm8.5 miljuni biex jitlesta t-tieni moll kif ukoll is-"superstructure" tal-"breakwater" u l-ilqugħ fuq in-naħa ta' barra tiegħu. B'hekk dan il-proġett ikun qed joqrob sew lejn l-aħħar fażijiet tiegħu.**

**Ix-xogħol fuq il-proġett ta' Marsaxlokk tkompla b'pass aktar imgħaġġel matul din is-sena. Il-ħaddiema Maltin tgħallmu snajja' ġodda u bdew jagħmlu xogħol li qabel kienu jagħmluh il-barranin. Permezz tax-xogħol li sar matul din is-sena, il-"breakwater" issa joffri protezzjoni kemm għal xogħol ta' trasbord ta' "containers" fuq il-"container terminal" kif ukoll għall-bini tat-tieni moll.**



**L-aħħar fażi tax-xogħol fuq il-'breakwater' tal-proġett tal-Port ta' Marsaxlokk.**

# Port il-Kbir

Fil-Port il-Kbir ser jinbena ħajt għas-sigurtà madwar il-moll il-ġdid li nbena taħt it-Telgħa tal-Kurċifiss u ser jinxtara l-makkinarju meħtieġ biex issa li tħammel u tnaddaf il-Port mill-fdalijiet tal-gwerra, dan il-moll ikun jista' jitħaddem.

# Port ta' Marsamxett

Il-Gvern qed jaħseb ukoll biex jiżviluppa l-Port ta' Marsamxett. Taħt l-ewwel fażi ta' żvilupp komprensiv fil-bajjiet tal-Port ta' Marsamxett, ser jibda x-xogħol fuq l-estensjoni tal-bankini tal-Yacht Marinas u fuq is-servizzi infrastrutturali li huma meħtieġa.

# Yacht Marina f'Għawdex

Bħalissa f'Għawdex hemm nuqqas ta' faċilitajiet fejn jorbtu l-**yachts** u għaldaqstant il-Gvern Soċjalista fi ħsiebu jibni Yacht Marina hemmhekk. Għal dan il-għan saru l-istudji meħtieġa u tħejjew il-pjanti neċessarji biex dan il-proġett iseħħ.

# Biedja

**L-Għan prinċipali tad-Dipartiment tal-Biedja u Sajd fis-sena li ġejja hu li jara li tiżdied il-produzzjoni agrikola permezz ta' użu aħjar ta' l-art u mezzi moderni li għandu l-bidwi llum għad-dispożizzjoni tiegħu**

Għal dan il-għan il-Gvern qed jipprovdi s-somma ta' 'l fuq minn Lm2.9 miljuni. Hemm bżonn li titrawwem fost iż-żgħażagħ ħerqa għax-xogħol tal-biedja u jingħata taħriġ lil dawk li jkollhom ħajra u ġibda għal dan ix-xogħol. Dan issa qed jagħmluh l-iskejjel tat-taħriġ fil-Biedja li nfetħu mid-Dipartiment u li qegħdin jiġu estiżi biex jilqgħu numru aktar ta' żgħażagħ.

Il-Gvern ser ikompli bil-programm tar-reklamazzjoni ta' art għall-iżvilupp tal-biedja kif ukoll biex ikomplu jitħawlu siġar dekorattivi u tal-frott. Ser tingħata wkoll għajnuna lill-Koperattivi kif ukoll ikomplu jitjiebu l-faċilitajiet għas-sajjieda.

## Ortikultura

Il-Gvern lest li jagħti kull għajnuna għall-bini ta' serer f'Malta u Għawdex u għal metodi aktar effiċjenti ta' tisqija u għalhekk qed jalloka somma ta' Lm300,000 għal dan il-għan.

## Toroq fir-Raba'

Il-Gvern se jieħu ħsieb jirranġa il-mgħodijiet u toroq li jwasslu għall-irziezet sabiex il-bdiewa jkollhom faċilita' aktar li jgħaddu bl-inġenji tagħhom u jtellgħu l-prodotti tagħhom.

## Roħs fil-Prezz ta' l-Ilma għat-tisqija

L-ilma tat-tieni klassi, li mhux tajjeb għax-xorb, li bħalissa qed jinbiegħ lill-bdiewa bil-prezz ta' 25 ċenteżmu kull metru kubu, ser isir 4 ċenteżmi kull metru kubu.

# Sajd

Id-Dipartiment dejjem lest li jkompli jagħti l-għajnuna kollha possibbli lil dan is-settur importanti fl-ekonomija ta' Malta.

Is-sajjieda ser ikomplu jingħataw għajnuna f'forma ta' self mingħajr imgħax għax-xiri ta' lixka għall-qbid ta' pixxispad.

# MMU

Matul is-sena saru diskussjonijiet ma' interessi sew Maltin kif ukoll barranin fosthom il-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib bil-għan li titwaqqaf kumpanija li tkun tista' tmexxi din l-industrija. Issa intlaħaq ftehim mal-Koperattiva Maltija tal-Produtturi tal-Ħalib u ma' Koperattiva ta' produtturi tal-ħalib mill-Awstrija —Oemolk — biex titwaqqaf il-kumpanija. Din ser tibda taħdem mill-1 ta' Jannar 1986.



# Pjan biex jinħoloq xogħol ġdid għal 3,000 ħaddiem.



Id-Deputat Prim Ministru
u Ministru tal-Finanzi u Dwana
s-Sur Wistin Abela.

**"Fix-xhur li ġejjin l-għan ewlieni tagħna ser ikun li jinħoloq xogħol ġdid għal 3,000 ħaddiem bħala riżultat dirett ta' l-intervent qawwi tal-Gvern. Barra minn dan, ninsabu fiduċjużi li bis-saħħa ta' din il-ħidma kbira minnaħa tal-Gvern, ser jinħolqu indirettament mijiet ta' mpjiegi oħra ġodda.**

**Dan hu Budget ta' fiduċja — Budget li juri bis-sħiħ li l-Gvern Soċjalista jemmen tabilħaqq li l-ekonomija ta' pajjiżna tista' terġa' taqbad it-triq tal-progress — li juri t-triq kif ir-riżorsi li għandna f'idejna nistgħu nħaddmuhom bl-aktar mod għaqli, fl-aħjar interess ta' l-ekonomija u għall-ġid tal-poplu.**

**Jekk ilkoll niġbdu ħabel wieħed, m'għandniex ma nirnexxux."**

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Stampat fl-Istamperija tal-Gvern